# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 15 ta' Lulju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 180/2023 CL

**Avukat Dottor Malcolm Mifsud (KI Nru: 405168M) u Avukat Dottor. Cedric Mifsud (KI Nru: 196979M)**

**VERSUS**

**Pascal Ludovic Jean Lina (Passaport franciz Nru: 19FV16386)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar ll-17 ta' Mejju 2023, fejn l-atturi talbu lil Tribunal jidikkjara illi konvenut huwa debitur tal-atturi ghas-somma ta' elfejn u tletin euro (€2,030) u jikkundana lil-konvenut jhallas lil-atturi s-somma ta' €2,030 bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Illi l-konvenut kien ghamel kuntatt mar-rikorrenti gewwa d-ditta legali mmexija minnhom biex jofrulu servizz legali liema servizz inghata kif mitlub u fis-19 ta' Ottubru 2020 intbaghtet fattura indirizzata lill-konvenut immarkata Dok A. Ghalkemm il-konvenut gie interprellat diversi drabi biex jhallas l-ammont, dovut huwa baqa' inadempjenti.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2024, it-Tribunal kien innota li l-konvenut kien gie nnotifikat ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1784/2020 fil-5 ta' Frar 2024, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu jew xi rapprezentant tieghu ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal- atturi. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2024 xehed Dr. Cedric Mifsud li ikkonferma li kienu taw servizzi ta' konsulenza legali lil konvenut dwar registrazzjoni ta' bastiment f'Malta u kienu hargu fattura fid-29 ta' Ottubru 2020 fl-ammont ta' €2,030 li baqa' ma thallasx u kien ghadu kollu dovut.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2024, minkejja li l-konvenut gie debitament notifikati bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarati fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-atturi, kif ukoll ix-xhieda ta' Dr. Cedric Mifsud, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba tal-atturi timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mill-atturi fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess atturii is-somma ta' elfejn u tletin euro (€2,030 bl-imghaxijiet mid-data talt-talba[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

[2] 17 ta' Mejju 2023